MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2010

Numru 312/2007

Il-Pulizija
(Spettur Joseph Mercieca)

vs

Joseph Attard

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 457275M, akkuzat talli fit-28 ta’ Frar, 2005 ghall-habta tad-9:30 a.m., gewwa l-fond Chevron, Dawret Hal-Ghaxaq, Ghaxaq:

1. bil-hsieb li jaghmel delitt ta’ serq wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta’ tieghu u li kieku gie esegwit kien

ikun reat ta' serq aggravat bil-valur, li ma jeccediex l-elf Lira Maltin, bil-mezz u bil-lok;
2. kkommetta serq ta' arlogg u xi flus, liema serq hu aggravat bil-mezz u bil-lok u li sar ghad-dannu tal-koppja Emanuel u Mary Schembri;
3. volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorriex l-ghaxar liri Maltin, ai termini ta' l-Artikolu 325(1)(d) tal-Kap 9, u liema hsara saret ghad-dannu tal-koppja Schembri;
4. rrenda ruhu recediv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 b'diversi sentenzi mill-Qrati Maltin, liema sentenzi saru definittivi.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament, mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti.

Ikkonsidrat.

Apparti r-ricedivita, l-imputat hu akkuzat ta' serq u attentat ta' serq minn residenza riferita fl-akkuza.

Issa, ir-reita ta' l-imputat jew il-mankanza taghha jistriehu fuq l-identifikazzjoni ossia jekk mill-fotogrammi esebiti in atti humiex identifikabbli mal-imputat. Dan qieghed jinghad billi l-fotogrammi ghandhom rilevanza stretta ma' l-akkuzi riportati kontra l-imputat. Sostanzjata l-provi li l-persuna li tidher fil-fotogrammi huwa proprju l-imputat, iswegi fuq l-iskorta tax-xhieda prodotta, li kien l-imputat l-awtur tar-reati dedotti kontra tieghu.

Tiddikjarah ghalhekk hati ta' tali akkuzi, inkluz dik li hu ricediv. Rat l-Artikolu 41, 261 (b) (c), 264, 269 (g), 278 (1) (2), 261 (c), 267, 279 (1), 325 (1) (d), 49 u 50 u 289 tal-Kap 9 u tikkundannah 10 xhur prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------